MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 540/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
v

**NOEL SCICLUNA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NOEL SCICLUNA** ta' ghoxrin sena, bin Joseph u Theresa nee Micallef, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Gunju 1983 u joqghod 19, Triq l-Isturjun, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 267783M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2003 ghall-habta ta' nofs il-lejl f'Misrah il-Bajja, Bugibba;

1. voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u/jew glied;

2. talli hebb ghal Brendon Micallef w ikkagunalu griehi ta' natura gravi;

3. talli hebb ghal Martin Zammit w ikkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikat Doctor Marica Abela MD;

4. talli ingurja u/jew hedded lil istess Martin Zammit u Brendon Micallef.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2003 esibit fl-atti a ol 4 markat bhala dokument CSH 2 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar s-sitta ta' Ottubru 2003 skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2004.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2003 xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** kif jirrizulta a fol 8 et seq tal-atti fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2003, ghall-habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar, huwa kien gie mgharraf li fil-pjazza ta' Bugibba, kien hemm glieda. Huwa beda jinvestiga l-kaz u l-imputat qallu li veru kien hemm glieda, u li din zvolgiet wara li Martin Zammit kien nizel bil-karozza kontra l-*one way* lejn il-pjazza u kien nizel ghalih b'salib tar-roti tal-

karozzi. L-imputat qallu li pprova jiddefendi ruhu u xejjer daqqa ta' ponn lejn Martin Zammit u lejn Brendon Micallef u possibilment laqat wiehed minnhom. Huwa esibixxa l-istqarrija tal-imputat tal-imputat li l-Qorti mmarkat bhala dokument JM 1 li tinsab a fol 10 tal-atti u tlett certifikati medici, tnejn rilaxxjati favur Brendon Micallef markata bhala dokument JM 2 a fol 11 u 13 tal-atti u dak rilaxxjat favur Martin Zammit li jinsab a fol 14 tal-atti odjerni.

**Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2003 xehed PS 1174 Adrian Sciberras** kif jirrizulta a fol 15 et seq tal-atti fejn qal li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2003, huwa rcieva rapport li fil-pjazza ta' Bugibba kien hemm glieda. Huwa mar fuq il-post indikat lilu u sab lil Martin Zammit u lil Brendon Micallef li qalulu li kienu ghadhom kemm gew aggrediti minn persuna bl-isem ta' Noel, fis-sens li nizel ghalihom mill-vettura u beda jaggredihom. Dak il-hin Martin Zammit u Brendon Micallef kienu fil-karozza jistennew habib iehor taghhom jasal fuq il-post u f'xi hin, ghadda l-imputat bl-ex tfajla ta' Martin Zammit. Wara nofsinhar huwa baghat ghal imputat u l-imputat qallu li kien ra karozza niezla *wrong way* u fil-hin nizel Martin Zammit ma Brendon Micallef u Martin Zammit kellu f'idejh hadida u beda jaghtih biha. Mistoqsi jekk l-imputat ghaddielux xi certifikati dwar xi feriti, PS 1174 Adrian Sciberras wiegeb fin-negattiv. Ikkonferma li Brendon Micallef kellu snina nieqsa u skond ma qallu Brendon Micallef, din giet imtajjra mill-imputat. Mistoqsi jekk kkonfrontax lil Brendon Micallef u lil Martin Zammit bil-versjoni tal-fatti kif esposti mill-imputat, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li fil-fatt inhargu *charges* kontra taghhom mas-seduta tal-Qawra.

**Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2003 xehed Brendon Micallef** kif jirrizulta a fol 25 et seq tal-atti fejn spjiega li huwa kien fil-pjazza ta' Bugibba ma Martin Zammit jistennew habib taghhom certu Clinton Borg. Fid-daqqa w l-hin raw lil imputat riesaq lejhom, fetah l-bieba fejn kien hu u tah daqqa ta' ponn f'wiccu bir-rizultat li tajjarlu sinna u caqlaqlu ohra. Mistoqsi kienux jafu lil imputat qabel, Brendon Micallef wiegeb li qatt ma kien rah b'ghajnejh qabel dan l-incident. Waqt li kienu hemm daqq il-horn

biex javzaw lil Clinton Borg li kienu waslu. Qabel ma fetahlu l-bieba Brendon Micallef jghid li lil imputat ma kienx rah. Huwa kkonferma lil tilef zewg sinniet minhabba din d-daqqa. Cahad li kienu qed isuqu kif suggerit mid-difiza. Mistoqsi kemm kienu waqt il-glieda, ix-xhud wiegeb li kienu tlieta, Martin Zammit, hu u wara gie Clinton Borg. Ix-xhud qal li kien mitfugh mal-art u ghalhekk meta gie mistoqsi mid-difiza jekk l-imputat qalax xi daqqiet, huwa wiegeb li setgha qala minghand Clinton Borg, pero hu zgur li ma tahx daqqiet. Mistoqsi jekk l-imputat kienx fil-kumpanija ta' terzi, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jaghti risposta ghax ma kienx jaf fic-cert.

**Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2003 xehed Martin Zammit** kif jirrizulta a fol 27 et seq tal-atti fejn ikkonferma dak li kien qal ix-xhud precedenti u cioe Brendon Micallef fis-sens li kienu fil-karozza fil-pjazza jistennew lil Clinton Borg gej. Fid-daqqa w l-hin, wasal l-imputat ma gemb Brendon Micallef, fetahlu l-bieb u tah daqqa ta' ponn f'wiccu. Huwa mbaghad nizel mill-vettura biex jara x'kien gara u minnufih beda jaghti lilu rasu. Mistoqsi jekk Clinton Borg kienx maghhom waqt l-incident ix-xhud Martin Zammit wiegeb li gie wara li l-imputat qabad jaghtih. Huwa ammetta li hareg *wheel brace* mill-karozza.

**Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2003 xehed Clinton Borg** kif jirrizulta a fol 30 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien fil-pjazza ta' Bugibba jistenna lil Martin Zammit sejjer ghalih. Hu xehed li hin minnhom daqqlu l-horn waqt li kien fuq bank u ra lil imputat riesaq lejn il-vettura misjuqa minn Martin Zammit, jiftah il-bieba tal-passiggier u jaghti daqqa ta' ponn lil Brendon Micallef. Mar jigri biex jipprova jwaqqaf il-glieda u fil-pront nizel Martin Zammit mill-karozza. Appena l-imputat ra lil Martin Zammit, huwa telaq lil Brendon Micallef u beda jghti lil Martin Zammit. Huwa zamm lil imputat milli jkompli jaghti. Martin Zammit, li kien mal-art, qam u mar gab *wheel brace* mill-karozza pero ma tahx biha. L-imputat gie mizmum minn shabu stess.

**Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2003 xehdet Marilyn Scerri** kif jirrizulta a fol 32 et seq tal-atti fejn qalet li hija rat lil

imputat jiggieled ma Martin Zammit pero min ta l-ewwel ma kienetx taf. Ikkonfermat li Brendon Micallef spicca bi snienu maqlughin. Hija rat lil Martin Zammit isuq bi speed *wrong way* waqt li kienu ma Garry Scerri u dak l-hin l-imputat kien fil-pjazza.

**Illi nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 xehed Garry Scerri** kif jirrizulta a fol 37 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien miexi ma Marilyn Scerri sejjer lejn il-pjazza u ra lil Martin Zammit isuq wrong way ghal fuqu u baqa niezel jipparkja fil-pjazza. Sakemm nizel fil-jazza ra lil Martin Zammit jiggieled mal-imputat Noel Scicluna bil-hadida f'idejh. Mistoqsi minn beda jaghti l-ewwel, ix-xhud Garry Scerri ma kienx f'posizzjoni jghid. Huwa qal li ra lil Martin Zammit jxejjer hadida bl-addocc waqt li lil imputat Noel Scicluna rah jiddefendi ruhu. Qal li lil Brendon Micallef rah wkoll jiggieled mal-imputat. Huwa qal li hu habib tal-imputat u li kien jahdem mieghu filwaqt li lil Martin Zammit u Brendon Micallef ma kienx jafhom, salv di vista.

Xehdu wkoll t-tobba u fil-fatt nhar **s-sebgha ta' Jannar 2004 xehed Doctor John Zahra** li hu d-dentista li kkonsulata Brendon Micallef, kif jirrizulta a fol 41 et seq tal-atti, li kkonferma li Brendon Micallef kien tilef sinna nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2003 u ohra giet imcaqilqha u fil-fatt kien ghamillu dentatura ta' zewg sinniet ta' quddiem centrali ta' fuq.

**Illi nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 xehdet Doctor Marica Abela** kif jirrizulta a fol 35 et seq tal-atti fejn qalet li fis-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2003 hija kienet ezaminat lil Martin Zammit fid-Dipartiment tal-Emergenza. Huwa kien qed jbati minn *occipital haemotoma* f'rasu u *soft muscle injury* f'ghonqu, liema griehi kklassifkat bhala hfief u kompatibbli ma daqqa ta' ponn.

**Illi l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri izda rrilaxxja stqarrija nhar t-tmintax ta' Gunju 2003** liema stqarrija tinsab esibita fl-atti a fol 10 markata bhala dokument JM 1. Illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2003 Martin Zammit nizel *one way* bil-vettura tieghu ma tnejn ohra u kienu ser

itajjru lil Garry Scerri. Huwa ghalhekk mar fuqu biex jghidlu biex jaqtaghha u Martin Zammit nizel mill-karozza ma tnejn ohra u beda jaghtih b'salib tar-roti. Huwa ghalhekk ipprova jiddefendi lilu nnifsu. Pero fl-istess nifs jghid wkoll li dak il-hin ma kienx qed jirraguna u ghalhekk tnejn minn shabu bdew jzommuh. Mistoqsi jekk l-argument bediex minhabba tfajla, l-imputat wiegeb fl-affermattiv u jghid li Marilyn Scerri, t-tfajla ta' Garry Scerri, kienet ta' Martin Zammit qabel. Mistoqsi jekk laqatx lil xi hadd b'daqqa ta ' ponn waqt li kien qed jiggieled, l-imputat jghid li jahseb li laqat lil xi hadd pero ma kienx jaf lil min. Huwa spjiega wkoll li kien irrabbjat hafna ghaliex kienu tlieta li nizlu ghalih biex jiggieldu u ghalhekk qal li ma kienx qed jirraguna.

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik esposta mill-Prosekuzzjoni li tghid li Brendon Micallef kien fil-vettura ma Martin Zammit u l-imputat hebb l-ewwel ghal Brendon Micallef billi tah daqqa ta' ponn u wara ghal Martin Zammit billi tah daqqa f'rasu u dik esposta mid-Difiza li l-imputat gie aggredit minn Martin Zammit u minn Brendon Micallef u ddefenda lilu nnifsu u possibilment laqathom waqt li kien qed jiddefendi lilu nnifsu. Dan id-Difiza pero tghidu a bazi tal-provi prodotti mill-istess Prosekuzzjoni, ghaliex l-imputat ma xehedtx u lanqas ma ressaq xhieda ghad-difiza tieghu.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u cioe fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda. Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha u dan ghaliex ghexet il-process kollha u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi l-vittma principali Brendon Micallef stqarr li waqt li huwa kien fil-karozza ma siehbu Martin Zammit, gie l-imputat u tah daqqa ta' ponn f'wiccu. Din it-tesi hija korroborata minn dan l-istess xhud Martin Zammit li jghid l-istess haga. Hija korroborata minn Clinton Borg li jghid li ra lil

imputat jiftah il-bieba tal-passiggier u jaghti daqqa ta' ponn lil Brendon Micallef. Illi l-feriti li ddeskriva li kellu Brendon Micallef huma elenkati miz-zewg dentisti li ezaminawh, l-ewwel wiehed jghid li kellu sinna mtajjra w ohra ticcaqlaq, filwaqt li t-tieni denstist tghid li huwa kellu jaghmel dentatura lil Brendon Micallef peress li kien tilef iz-zewg sinniet centrali ta' quddiem.

Marilyn Scerri, l-ex tfajla ta' Martin Zammit tghid li rat lil imputat u lil Brendon Micallef jiggieldu ghalhekk tghid li min beda il-glieda hi ma kienetx taf. Din t-tezi ma hiex korroborata bi provi cirkostanzjali ghaliex l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri u lanqas ma esibixxa xi certifikati medici li jindikaw xi feriti li ssubixxa.

Garry Scerri li kien fil-kumpanija tal-imputat jghid li ra lil Martin Zammit hiereg b'hadida mill-karozza wara li kien saq *wrong way* ghal fuqu u beda jiggieled mal-imputat Noel Scicluna. Mistoqsi pero min beda jaghti l-ewwel, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf ghaliex hu rahom biss fl-idejn u ra lil Martin Zammit jxejjer il-hadida bl-addocc u lil imputat Noel Scicluna jiddefendi ruhu.

Il-Qorti thoss li din il-versjoni tal-fatti kif esposta minn dan ix-xhud u cioe li kien Martin Zammit li hareg il-hadida u beda jaghti u jxejjer bl-addocc bla ma jaf min qabad jiggieled l-ewwel mhux daqstant kredibbli. Illi in oltre, kien Martin Zammit u Brendon Micallef li rrappurtaw l-incident in dezamina lil Pulizija u l-imputat tkellem mal-Pulizija meta baghtet ghalih hi.

Ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita ta-xhieda u jekk hiex imsahha minn fattizzi ohra u cirkostanzi, illi f'dan il-kaz, il-Qorti thoss li ghalkemm temmen ix-xhieda Martin Zammit u Brendon Micallef f'dak li ddeponew, thoss li l-provi cirkostanzjali f'dan il-kaz wkoll huma univoci u konkordanti u jghamlu prova konkluzziva meta tezaminhom fl-isfond tax-xhieda tal-allegat vittmi. Dawn il-provi huma ndizzji evidenti li jwasslu lil akkuzat bir-reati 'n dezamina u cioe li kien hu li attakka lil Brendon Micallef u kissirlu snienu u li hebb ghal Martin Zammit w

ikkagunalu l-feriti hfief kif deskritti minn Doctor Marica Abela.

Il-Qorti ma thossx li dak li ghamel l-imputat, ghamlu taht pretiza ta' *self defence*, lanqas remotament u ghalhekk mhux ser tidhol u tiddiskuti din d-difiza.

Issa l-Avukat Difensur sostna wkoll li t-telf ta' sinna jew tnejn ma tammontax ghal feriti gravi ghaliex s-snien mhumiex fil-wicc, izda fil-halq. Dwar dan, din il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel.

L-artikolu 216(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi is-segwenti:

*"L-offiza fuq il-persuna hija gravi u ghandha tinghata l-piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin:*

*a. jekk iggib mankament jew sfergju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz."*

Il-Qorti tirrileva li bil-kelma '*mankament*' [jew fit-test Taljan tal-ligi taghna allura l-artikolu 222 '*deformation*'] fil-wicc qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc, li anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament cioe '*peggioramento d'aspetto notevoli o complessivo, o pero l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme dell volto*' [**Manzini V**. - ***Trattato di Diritto Penale Italiano*** - Vol 8 - Cap XXVIII - pg. 235].

Ghalhekk din hija a differenza tal-kelma '*sfregju*' li tfisser hsara fir-regolarita tal-wicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc.

Illi 'n vista tas-suespost jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li wicc minghajr iz-zewg sinniet ta' quddiem tal-halq jikkostitwixxi mankament fit-tifsira fuq moghtija.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-erbgha akkuzi taghha u tiddecidi li ssib lil imputat hati taghhom.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(dd), 216(1)(b), 221, 339(1)(e) u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ai fini ta' piena li l-imputat ghandu ghoxrin sena u li l-fedina penali tieghu hija wahda nadifa salv ghal reat *de minimis* kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, meta nghata *unconditional discharge* u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li ghandha tittratta mal-imputat daqs li kieku kien *a first time offender* u konsegwentement il-piena karcerarja mhux il-piena idoneja.

Fl-istess hin pero ma tridx taghti l-impressjoni lil imputat li dak li ghamel qisu m'ghandhux importanza jew mhux hazin ghaliex fil-fatt din il-Qorti tikkundanna kul tip ta' glied u aggressjoni molto piu meta tfegg fuq ix-xejn u ghalhekk thoss li piena monetarja tkun dik idoneja.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(dd), 216(1)(b), 221, 339(1)(e) u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat NOEL SCICLUNA hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' erbgha mitt lira maltin u bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta taghtih l-fakulta li jhallas tali multa f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-hmistax ta' Mejju 2004.**

**Oltre dan, tobbliga lil imputat NOEL SCICLUNA li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jhedditx lil Brendon Micallef u lil Martin Zammit ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas in linea ma dak li jipprovdi l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------